MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2011

Numru. 526/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**MATTHEW VASSALLO ta' 25 sena, iben Paul u Josephine nee' Lia, imwieled tal-Pieta' nhar l-14.01.1986, residenti fil-fond numru 23, Triq San Pietru u San Pawl, l-Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 89486M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Matthew Vassallo** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Mejju, 2006, waqt li kien Marsascala, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' fil-ghodu, ikkommetta serq

ta’ hand bag u diversi oggetti ohra, fosthom flus kontanti u gojjellerija, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi s-somma tal-mitt lira Maltin, izda inqas minn elf lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta’ Emanuela Brookshaw, anzjana ta’ aktar minn sitta u hamsin sena.

Rat illi l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:
Fl-Artikoli 261(a)(c), 262, 267, 279(a), 280, 281, 334, 20, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi moghti l-kunsens mill-imputat ghal proceduri sommarji, din il-Qorti ghaddiet biex tisma’ l-provi tad-Difiza, li pero kif gie ben dikjarat mill-istess, ma kien hemm xejn.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta ben car mill-provi prodotti li Matthew Vassallo kien involut fis-serqa tal-gojjellerija misjuba fuqu meta gie rintraccat fil-karozza s-safra. Din il-gojjellerija giet misjuba fuqu kif ben jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija li rrintraccawh – PS 90 u PS 914.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ Emanuela Brookshaw li gharfet fic-cert il-gojjellerija lilha misruqa.

Semghet ukoll ix-xhieda fit-tul tal-Psikjatra Dr Joseph Spteri dwar il-problemli li jaffliggu lill-imputat. Hadet ukoll konjizzjoni tac-certifikati medici prezentati fil-process, kif ukoll rapport mediku a folio 109. Hadet ukoll konjizzjoni ta’ l-istat fiziku ta’ l-istess imputat illum (double amputation).

Rat ukoll Dok JMB ta’ l-espert gojjellier (folio 146), u l-valutazzjoni hemm fiha mnizzla, u cioe’ €283.

Ikkunsidrat:

Illi fuq il-provi prodotti, l-htija ta' l-imputat hija pruvata u dan wara li rat l-Artikoli 261(a)(c), 262, 267, 279(a), 280, 281, 334, 20, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset ic-cirkostanzi straordinarji ta' l-imputat, u qieghda in vista' ta' hekk tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmieni tlitt(3) snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €141.60.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------